MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Numru 843/2002

**Artikolu 261(d)(g), 268(d) u 267(g)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**
**v**

**ANTHONY BARBARA**

**Seduta ta' llum 7 ta' Novembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY BARBARA** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Anthony u Maria Rosaria nee Bouvette, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1980 u joqghod 17, Triq s-Sinja, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita numru 488780M, kien gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 2001 minn gewwa l-

Floriana, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Siemens C35 b'numru ta' registrazzjoni 449191539582011li l-valur tieghu ma jeccidx l-mitt lira maltin minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAK 212 ghad-dannu ta' David Bartolo liema serq huwa aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Marzu, 2002 u li jinsab esibit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH, l-fedina penali tal-istess imputat esibita wkoll f'dawn l-atti markata bhala dokument CSH 1, kif wkoll l-istqarrija markata bhala dokument CSH 3, rilaxxjata nhar l-erbgha ta' Marzu, 2002 mill-istess imputat minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi kollha kif addebitati lilu fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu fis-seduta tas-sebgha ta' Novembru, 2002 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m’ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kif adebitatati fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni taghha u li sahansitra sa mill-bidu nett tal-proceduri hu rritorna r-res furtiva konsistenti f'mobile phone.

Rat l-fedina penali tal-imputat li ghandha biss reat wiehed registrat fuqha meta gie kkundannat jhallas multa.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261(d)(g), 268(d) u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat ANTHONY BARBARA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlettin snin mill-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car tifisira ta' din s-sentenza lil imputat u l-konsegwenzi jekk jonqos li josservha.**

**L-imputat ddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**